MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' April, 2013

Rikors Numru. 15/2007/1

Catherine Spiteri (ID 628043M), Josephine Barbara (ID 313546M), Rita Abdilla (ID 661451M), Maria Comcetta Briffa (ID 10488648M), Carmelo Zammit (ID 749656M) u Mario Zammit (ID 390750M) f'isem proprju u bhala mandatarju specjali tal-assenti Angelo Zammit u, permezz ta' digriet datat 1 ta' Ottubru 2010, Victoria Bonello (ID 464884M) assumiet l-atti flok Carmelo Zammit illi kien miet.
Vs
Anthony Camilleri (ID 380433M)

Illum 25 ta' April 2013

Il-Bord.
Ra r-rikors promutur ippresentat fit 22 ta' Novembru 2007 li jghid:
Illi l-intimat jikri minghand ir-rikorrenti sehem ir-rikorrenti parti mill-ghalqa mlaqqma 'Ta' Harbux' li tinsab fil-limiti taz-Zurrieq u cjoe' (1) porzjoni ta' kejl superficjali ta' cirka elf tliet mija u sebgha u sittin metru kwadru (1367m.k.), (2) porzjon ohra al-kejl superficjli ta' cirka elf erba' mija u

zewg metri kwadri (1402m.k.), u (3) porzjoni mir-razzett tal-istess ghalqa konsistenti f'bitha u kamra fil-pjan terran u setah u kamra fl-ewwel pjan u liema beni jinsabu traccjati bl-ahmar fl-annessa pjanta mmarkata "Dok A", versu l-qbiela ta' hames liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm5.75) fis-sena pagabbli lir-rikorrent kull 15 ta' Awissu bil-quddiem.

Illi l-esponenti ghandhom bzonn dan ir-raba sabiex jigi wzat minnhom ghal skopijiet agrikoli.

Illi l-intimat mhux qieghed juza din ir-raba ghal skopijiet agrikoli tant li l-istess raba' jinsab zdingat u ilu hafna zmien ma tinhadem.

Illi inoltre dan l-ahhar, l-intimat issulloka l-ghalqa lil terzi ghal skop ta' kacca.

Illi ghal dawn il-mottivi r-rikorrenti jixtiequ l-pussess ta' l-ghalqa hawn fuq imsemmija u dan ai termini tal-provvediment ta' l-Art 4 tal-Kap 199.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess ta' l-ghalqa hawn fuq indikata b'effett mill-iskadenza li jmiss taht dawk il-provvedimenti illi dan il-Bord jidhirlu xierqa u dana ghar-ragunijiet suesposti, prevja l-likwidazzjoni ta' kull kumpens talvolta dovut

Ra r-risposta tal-intimat Anthony Camilleri ippresentata fis 7 ta' Dicembru 2007 li filha huwa jilqa; ghal dak dikjarat u miltub mir-rikorrenti billi jghid:

Illi qabel xejn, ir-rikorrenti jridu jippruvaw li huma proprjetarji tar-raba' in kwistjoni.

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita' tar-rikors minhabba il-multiplicita' ta' aggravji li jikkontjeni, u peress li mhumiex kompatibbli ma' xulxin, fis-sens illi una volta l-istess esponenti qeghdin jitolbu din ir-raba biex tigi wzata minnhom ghall-skopijiet agrikoli, dan jippresupponi li l-kirja ma ghandha ebda difett u allura ma setax ikompli fuq il-binarju ta' l-aggravji l-ohrajn. L-intimati kellhom ghazla ta' azzjoni, u ma jistghux jesperimentaw billi jaghmlu ghadd ta' aggravji li ma humiex kompatibbli ma xulxin.

Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, kwantu jirrigwarda l-ewwel aggravju, dak tal-bzon, irid jigi ppruvat illi l-bzonn tar-rikorrenti jew ta' min minnhom huwa akbar

minn dak ta’ l-esponent fit-termini ta’ dak li jipprovdi il-proviso ta’ l-artikolu 4 (2) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Illi ma hux minnu u l-esponent jichad li l-intimat issulloka l-ghalqa lil terzi, fis-sens kif trid il-ligi, jew bi ksur ta’ xi kundizzjoni tal-kirja.
Illi inoltre t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, mhux biss ghar-ragunijiet fuq imsemmija imma anke ghal ohrajn li ser jigu trattati fil-kors ta’ din il-kawza.
B’riserva ghal risposti ulterjuri.

Rat illi, fit 23 ta’ Gunju 2008, il-Bord, diversament ippresjedut, cahad it-tieni eccezzjoni tal-initmat, dwar il-kumulu tal-azzjonijiet, bhala wahda vessatorja.

Rat l-affidavit ta’ Mario Zammit bid-dokumentazzjoni kollha maghha esebita kif ukoll l-affidavits ta’ hutu Josephine Barbara, Catherine Spiteri, Rita Abdilla u Carmelo Zammit lkoll rikorrenti, kollha ippresentati fl 10 ta’ Novembru 2008.

Ra illi fil 5 ta’ Ottubru 2009 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi.

Ra l-affidavit ta’ Anthony Camilleri ippresentat fit 23 ta’ Novembru 2009.

Ra illi fl 1 ta’ Ottubru 2010, Victoria Bonello assumiet l-assi minflok l-esponent Carmelo Zammit illi kien miet fil 5 ta’ Marzu 2010.

Rat ix-xhieda ta’ Frankie Azzopardi, li jixtri il-balal tal-qamh ghal baqar tieghu minghand l-intimat u x-xhieda ta’ Anthony Grech, habib tal-intimat u li kien imur ghal kacca fl-ghalqa tal-intimat, lkoll moghtija viva voce fit 3 ta’ Novembru 2010.

Rat ir-ricevuti ippresentati mill-intimat fit 2 ta’ Marzu 2011.

Rat ix-xhieda ta’ Joseph Camilleri, iben l-intimat, li ppresenta dokumentazzjoni dwar l-ghalqa, l-istat taghha u l-posizzjoni taghha fi hdan l-ghelieqi kontigwi illi l-istess

intimat ghandu. moghtija fit 2 ta’ Marzu u 11 ta’ Mejju 2011.

Semghet il-kontro ezami ta’ Mario Zammit illi saret fl-20 ta’ Jannar 2012.

Semghet il-kontro ezami ta’ Maria Concetta Briffa u ta’ Rita Abdilla illi saret fil 21 ta’ Marzu 2012

Semghet il-kontro ezami ta’ Josephine Barbara u ta’ Catherine Spiteri illi saret fis 27 ta’ Gunju 2012.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta’ Gunju 2012 il-partijeit iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw u l-kawza giet differita ghal finali trattazzjoni fil 21 ta’ Novembru 2012 bil-fakolta’ illi jippresnetaw sottomissjonijiet taghhom bil-miktub nel frattemp.

Rat illi fil 21 ta’ Novembru 2012 gie mitlub aktar zmien biex isiru s-sottomissjonjiet.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentata fl- 14 ta’ Dicembru 2012 kif ukoll dik tal-intimat ippresentat fit 22 ta’ Jannar 2013,.

Rat illi fit 28 ta’ Jannar 2013 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal 25 ta’ April 2013.

Ikkunsidrat

Illi fil-kawza odjerna, ir-rikorrenti kollha, lkoll ahwa, kienu wirtu il-bicca art indikata fl-avviz minghand ommhom, Giovanna Zammit, illi mietet fit 13 ta’ Jannar 2004. Wara il-mewt taghha u s-ssusegwenti ‘causa mortis’, r-rikorrenti, tramite Mario Zammit illi jidher li kien qed jiehu hsieb l-affarjiet kollha tal-familja tieghu, raw il-post li kien qed jinkera lill-intimat u, in vista tal-istat zdingat li kien fih kif ukoll il-fatt li raw xi hadd jikkacca fiha, talbuh darbtejn sabeix jirritorna tali art lilhom sabiex juzawha huma.

L-intimat, minn naha l-ohra, jghid illi huwa ilu jahdem l-art in kwistjoni ghal dawn l-ahhar tmeinja u hamsin sena u dejjem zera il-qamh fiha u qatt ma halla il-propeta fi stat zdingat kif allegaw ir-rikorrenti, Huwa sahaq ukoll illi t-tlett tomniet meriru tal-kawza odjerna jiffornaw parti mill-ghalqa aktar illi huwa ghandu li hija ta' madwar tnax-it-tomna, illi dwarhom, mas-sidien l-ohra, huwa qatt ma kellu problemi u ma ghandhu ebda problemi. Huwa sahaq illi l-art qieghed juzaha regolarment u r-razzett qed jintuza ghat-trobbija tal-annimali u hazna tal-materjal agrikolu. Ikkunsidrat

Illi r-rikrorenti qed iressqu quddiem dana il-Bord tlett ragunjiet illi ghaliha l-art ghandha tintradd lura lilhom. L-ewwel raguni hija dik mahsuba fl-Artikolu 4 (2) (a) tal-Kap 199, ossija illi sabiex r-raba tibda tintuza ghal skopijiet agrikoli personali.  It-tieni raguni hija dik kkontemplata fl-Artikolu 4 (2) (f) tal-Kap 199, ossija illi r-raba hija zdingata u ilha ma tinhadem. L-ahhar raguni hija dik mahsuba fl-artikolu 4 (2) (c) tal-Kap 199, ossija illi issulloka l-ghalqa lill-terzi minghajr il-permess taghhom.

Ikun ghalhekk opportun illi l-Bord jhares lejn hsibijiet espressi minn Qrati fil-passatt dwar it-tlett aggravji imressqa mir-rikorrenti.

Illi dwar l-ewwel raguni moghtija ossija l-Artikolu 4 (2) (a), il-Qrati taghna dejjem sahqu illi hemm zewgt elementi li jridu jigu ppruvati meta l-Bord jasal ghal konkluzjonijiet tieghu. Infatti, kif jinsab spjegat fis-sentenza fl-ismijiet "Jane armla minn John Mary Calleja et -vs- Francesco Calleja et", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, skond it-test tal-ligi,

"l- iter procedurali li kellu allura jigi segwit mill-Bord kien is- segwenti:-

(a) Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba kien jehtiegu biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera;

(b) Il-kerrej kellu mbaghad jipprova li r-raba in kwistjoni kien fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal- familja tieghu;

(c) Jekk dan l-element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord kellu jikkonduci l-ezami komparattiv li l- ligi tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh.";

Dwar l-ewwel aspett, ossija l-uzu tal-art ghal skopijijet agrikoli personali, fis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet 'Giovanna Spiteri et vs Loreto Zerafa et', l-Qorti tal-Appell irriteniet li:-

Mill-iskorta tad-diversi decizjonijiet, ta' l-imghoddi u tal-prezent, jidher li l-interpretazzjoni l-aktar akkurata li tiddixxendi mill-precitat artikolu tal-ligi hi dik kif hawn taht sintetikament rifless:-

1. Ir-rekwizit tal-bzonn hu wkoll sodisfatt bid-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti. Ara "Andrea Zammit et -vs- Carmelo Bonnici", Appell, 13 ta' Novembru, 1979;

2. Il-bzonn ma ghandux ikun wiehed impellenti jew urgenti imma ragonevoli jrid ikun. Dan fis-sens li r-rikorrenti jrid tassew jissodisfa lill-Bord li hu jrid jiehu r-raba lura ghal skopijiet agrikoli. Mhux bizzejjed, allura, is-semplici dikjarazzjoni generika maghmula mir-rikorrenti li ghandu bzonn ir-raba' ghalih. Ara f'dan is-sens "John Zammit et -vs- Salvatore Falzon et', Appell, 5 ta' Novembru, 1996;

3. Indubbjament, il-bzonn ekonomiku, u cjoe il-htiega li s-sid jirriprendi l-pussess tal-fond biex jahdmu hu u jzid l-introjtu tieghu u tal-familja hu forsi l-iktar wiehed ovvju u indiskutibbli. Mhux eskluz pero` li jista' jkun hemm ukoll bzonnijiet ohra inqas apparenti, imma daqstant iehor validi, biex jawtorizzaw ir-ripresa tal-fond mis-sid li jehtieglu jipprova li t-talba tieghu ma kienetx kapriccjuza imma kienet immirata biex tissodisfa l-bzonn tieghu jew

tal-familja tieghu". Vide "Anthony Abela et -vs- Francis Degabriele", Appell, 9 ta' Lulju, 1999;

4. Fi kliem iehor il-bzonn irid ikun genwin u in bona fede u mhux intenzjonat biex is-sid japprofitta ruhu halli wara li jottjeni r-raba' jispekulah favur haddiehor. Ara "Evangelista Xuereb -vs- John Agius proprio et nomine", Appell, 16 ta' Novembru, 1976;

Illi, dwar il-kwistjoni jekk ir-rikorrent "jenhtieg" l-art in kwtisjoni, fil Bord tal-Qbejjel 'E Fenech vs M Mercieca et' deciza 26.1.68, kif ukoll 'F.Xuereb vs L Muscat' deciza 5.2.68 u 'L.Galea vs G Muscat' deciza 3.9.75 intqal illi:

" Il-kelma 'requires' fil-kuntest li hija uzata fl-artikolu 4(2)(b) insibuha wkoll uzata fil-ligi tal- kera, u fil-fehma tal-Bord ghandu jkollha l-istess sinjifikat u nterpretazzjoni li gie moghti lil dik il-kelma f'dik il-ligi. Infatti huwa car li l-kelma 'requires' bhal 'mehtieg' fit-test malti, tindika 'bzonn' mhux seplici xewqa jew 'preferenza'. Ghalhekk hu applikabbli dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell f' A. Saliba v. M.Caruana (28.5.66) illi: 'Il-piz tal-provi ta' dan il- bzonn hu fuq is-sid li jehtieg juri mhux biss li hu qed jagixxi in buona fede,imma anche li hu ghandu bzonn li jirriprendi pussess tal-fond. Certament mhux mehtieg li tigi pruvata 'necessita' assoluta', izda ... jehtieg jigi pruvat grad ragonevoli ta' bzonn.' Ghalhekk mhux bizzejjed li s-sid ighid illi hu jrid jibni l-fond, imma jrid jipprova illi effettivament hu sejjer jibni u ghandu l-karti kolha in regola, u fil-fatt jista' jibni meta jkollu l-fond f'idejh; ghalhekk ghandu bzonn reali u attwali li jiehu l-fond lura biex ikun jista' jibni... u jkun kontra l-ispirtu tal-ligi u l-intendiment tal-legislatur li jigi zgumbrat il-gabillott mir-raba bla bzonn qabel iz-zmien."

Illi, la darba gie kkunsidrat l-ewwel parti mir-rekwisit, jenhtieg illi jigi ezaminat it-tieni parti tieghu, ossija il-fatt illi l-art hija fonti importanti ghall-kerrej.

F'dan il-kaz, isir referenza ghas-sentenza Nazzareno Farruga vs John Aquilina Appell 29.4.1996 fejn kien

ritenut sabiex tkun skontata l-prova ta' importanza mill-intimat, m'ghandux ghalfejn juri li ghandu xi dipendenza totali mir-raba' rikjest jew li dan hu ta' imporanza assolut.

“mhux bizzejjed li jirrizulta li mir-raba' l-inkwilin idahhal xi qligh jew jiehu xi vantagg. Jehtieg li jigi provat li r-raba' jikkostitwixxi mhux biss mezz ta' ghixien tieghu imma li tali mezz ikun mezz importanti ghal tali ghixien. Importanti ma jfisserx necessarju b'mod assolut, li minghajru l-inkwilin ma jkunx jista' jghix. Pero` d-dhul mir-raba' jrid ikun tali illi jekk l-inkwilin jigi mcahhad minnu, ikun ser ibati sensibilment fil-mezzi tal-ghixien tieghu. Ifisser allura li l-Qorti trid tistabilixxi jekk hux il-kaz li jekk is-sid jigi awtorizzat jirriprendi l-pussess tar-raba', n-nuqqas ta' l-istess raba' jkun ifisser ghall-inkwilin tbatija u sagrificcju li jaffettwa negattivament il-kwalita` tal-hajja tieghu. Dan b'mod sostanzjali anke jekk relattiv u mhux assolut”.
It-tieni raguni moghtija mir-rikorrenti hija dik ikkontemplata fl-Artikolu 4 (2) (f) tal-Kap 199, ossija li l-art kienet zdingata u kienet ilha ma tinhadem:

Fil-kawza Vivien Cassar Desain et vs Carmel Vella deciza fit 2 ta' Ottubru 2008 mill-Bord u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil 15 ta' Lulju 2009, intqal dan li gej:

F'dan il-kuntest il-principji li jirrizultaw mill- provvedimenti tal-ligi huma li:-
• Il-kerrej ghandu obbligu li jinqeda bil-haga mikrija u jahdem ir-raba' bhala missier tajjeb tal- familja (Art. 1554 u 1555 tal-Kodici Civili) u m'ghandux jinqeda biha b'mod li jista' jgib hsara lil sid il-kera;
• Iwiegeb ukoll ghal “...tgharriq u ghall-hsarat li jigru matul it-tgawdija tieghu, meta ma jipprovax li dan it-tgharriq jew hsarat graw minghajr htija tieghu.” (Artikolu 1561 tal-Kodici Civili);
• Il-kerrej ghandu l-obbligu li f'gheluq il-kirja jirritorna l-haga mikrija fi stat tajjeb;
• L-obbligazzjoni li ghandu l-kerrej li jirritorna lura l-haga fi stat tajjeb, hemm ukoll l-obbligu li “....li jikkunsinna l-haga, u li jikkonservaha sal- kunsinna.” (Artikolu 1126 tal-Kodici Civili).

• “Il-ligi hi severa ma min jitraskura l-obbligu li jzomm fi stat tajjeb ta’ riparazzjoni l-hitan tar-raba ghax hi konxja mill-importanza taghhom ghall- preservazzjoni tal-hamrija u bhala lqugh ghall- elementi. Timponi ghal dan in-nuqqas is-sanzjoni massima ta’ l-evizzjoni biex tassigura l-osservanza ta’ dan l-obbligu” (Carmela Aquilina vs Tereza Magro deciza fil-25 ta’ Gunju 1996).
Il-kwistjoni relatata mal-uzu tar-raba fil-kuntest ta’ akkuzi illi l-art saritilha hsara billi intuzat ghal skopjijiet ohra, giet ikkunsidrata ukoll fil-kawza Nicholas Jensen et vs Emanuel Galea deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Mejju 2005, fejn dina qalet:-
Premessi dawn il-varji aspetti estratti mill-aggravji, jinghad qabel xejn, bhala oservazzjoni introduttiva ta’ indoli generali, illi l-kuntratt ta’ kiri ta’ fond rustiku, tnehhi certi tipi partikulari fejn ikun hemm arrangamenti assocjati bhal per ezempju l-koltivazzjoni tar-raba flimkien mat-trobbija ta’ bhejjem, di regola ghandu bhala oggett il-godiment ta’ haga produttiva u ghalhekk l-affitt ta’ raba jista’ jigi definit bhala l-lokazzjoni ta’ art ghall-koltivazzjoni ta’ prodotti agrikoli versu l-korrispettiv ta’ qbiela;
Minn dan jemergi l-obbligu fil-gabillott kerrej li jikkoltiva r-raba u li jaghmel uzu minnha qua bonus paterfamilias, u skond id-destinazzjoni taghha. L-obbligu hu dak allura li l-kerrej jikkonduci gestjoni produttiva u jezercita attivita` agrarja. Kif espress fid-decizjoni fl-ismijiet “Markiz Joseph Scicluna -vs- Joseph Bezzina et”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999, “meta l-ligi titkellem dwar l-uzu tar-raba riedet tfisser illi r-raba jkun mahdum skond is-sengha biex jigi utilizzat ghall-produzzjoni tal-prodott”;
Naturalment huwa lecitu li jigi sottolinejat illi l-art mikrija trid tkun suxxettibbli ta’ koltivazzjoni;
L-ahhar raguni moghtija mir-rikorrenti hija dik kkontemplata fl-Artikolu 4 (2) (c), ossija illi l-art kienet mikrija lill terzi.

Kif gie rilevat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza “Concetta Theuma et -vs- Ir-Reverendu Dun Gwann Mercieca et”, Appell, 20 ta’ Frar 1996;

... huwa pacifikament akkolt illi “pero` hu car u ovvju illi hu s-sid li jrid jipprova dak li jallega u cjoe li l-inkwilin bla

kunsens tieghu ssulloka l-fond jew itrasferixxa l-kirja. U tali prova mhux bizzejjed li tkun indizju jew probabilita`. Jehtieg li tkun univoka u kredibbli sal-punt li twassal lill-gudikant ghall-konvinciment illi l- inkwilin ma kienx ghadu bhala fatt li juzufruwixxi mid- drittijiet lilu kompetenti bhala kerrej u li kien ghadda dawn l-istess drittijiet komprizi fit-tgawdija tal-haga lilu mikrija lil haddiehor”

Ikkunsidrat

Tenut kont ta’ dawn l-insenjamenti moghtija mill-Qrati tul is-snin, il-Bord ghandu s-segwenti kummenti x’jaghmel dwar il-kawza odjerna u l-provi imressqa.

Dwar l-ewwel raguni imressqa, ir-rikorrenti jghid illi huwa ghandu bzonn l-ghalqa ghalih sabiex jista jikkoltivaha. Il-Bord, madanakollu, ma jistax ma jinnutax, l-ewwel u qabel kollox illi r-rikorrenti, f’dan il-kaz, huma seba min-nies, li wiehed minnhom huwa assenti minn Malta filwaqt illi iehor kellu problemi ta’ sahha serji. Apparti min hekk, jirrizulta illi wiehed mir-rikorrenti bi hsiebu jrabbi hxejjex gewwa l-ghalqa li qatt ma trabbew fiha, peress illi l-ghalqa ma hijiex saqwija izda hija baghli, u li kien ghalhekk illi fiha dejjem trabba il-qamh. Tali asserzjoni, abbinat mal-fatt illi r-rikorrenti kollha qatt ma hadmu fl-eghlieqi qabel jwassal lill Bord sabiex jiddubita l-buona fede tar-rikorrenti li, fl-eta avvanzata taghhom, ser issa jibdew jikkoltivaw in-namur tal-agrikultura.

Apparti minn hekk, dejjem dwar l-ewwel aggravju, il-Bord jinnota illi l-ghelieqi tar-rikorrenti, illi huwa attwalment zewgt eghlieqi fil-vincinanzi ta’ xulxin jiffurmaw parti minn ghalqa aktar ta’ tnax-it-tomna illi l-intimat qieghed jikri, liema 12 it-tomna jirrizulta illi l-intimat kien ilu jikri ghal aktar minn nofs seklu, u li dina kriha minghand il-familjari tar-rikorrenti stess, u jaghmel uzu mill-ghalqa kollha sabiex itella l-qamh. Illi dana il-fatt, abbinat mal-fatt illi l-intimat jidher li regolarment jizra il-qamh fl-ghalqa kollha tieghu, li tinkludi wkoll l-ghalqa tar-rikorrenti, jwassal lill-Bord jikkonkludi illi f’kaz li r-raba in kwistjoni tintradd lura lir-rikorrenti, dana ser jirreka tbaghtija u sagrificcji zejda

lill-intimat, kemm in vista tal-fatt illi l-interjieta tal-ghalqa originalment mikrija lill-intimat mill-antenati tar-rikrorenti ser tigi mittiefsa u kompromessa irremedjabbilment, kif ukoll peress illi jidher li l-intimat ghandu introjtu minn tali raba, liema introjtu ser tigi lilu mcahhda.

Dwar it-tieni aggravju, ossija illi r-raba hija zdingata u ilha zmien twil ma tinhadem, il-provi prodotti mir-rikrorenti ma jippruvawx illi attwalment dak minnhom allegat huwa minnu. Jidher li f'certa parte tar-raba jidher li hemm ftit imbarazz stivat izda, l-Bord jistaqsi - min ma ghandhux ftit imbarazz gewwa d-dar tieghu, ghalkemm jaghmel minn kollox biex izommha nadifa! Il-fatt illi f'parti zghira mill-ghalqa hemm ftit imbarazz ma jfissirx illi l-art kollha hija zdingata. Apparti minn hekk, kif ammetta ukoll wiehed mir-rikorrenti, il-hitan ma humiex fi stat hazin, kif minnhom allegat, izda ghandhom biss ftit haxix 'l hinn u 'l hawn.

Dwar it-tielet aggravju, jirrizulta ben ippruvat illi r-rikorrenti qieghdin jibbazaw tali asserzjoni fuq il-fatt li huma raw lill xi hadd jikkacca fir-raba u ghalhekk ikkonkludew illi l-intimat kien issulloka r-raba lill terzi. Illi, mill-provi prodotti, tali asserzjoni ma giet bl-ebda mod ippruvata. Minn naha l-ohra, l-itnimat ressaq xheida illi qalu li, okkazjonalment, kien imur fl-ghalqa mal-intimat sabiex jikkacca, izda qatt ma twellliet r-raba lilu. Il-Bord ma jistax ma jinnutax illi d-delizju tal-kacca jwassal sabiex, f'periodi tas-sena, hafna ucuh tar-raba jituzaw ghal tali skop. Madanakollu, sakemm tali uzu huwa wiehed limitat u ristrett u li ma jeffettwax l-uzu principali tar-raba innifisha, ossija l-iskop agrarju, ma hemm l-ebda raguni ghaliex il-Bord ghaldu jasal ghal konkluzjoni illi r-raba qieghed tintuza ghal skop differenti minn dak originali u/jew li r-raba giet mikrija lill terzi.

Illi, dwar l-eccezzjonijiet imressqa mir-rikorrenti, il-Bord jirrileva illi r-rikorrenti irnexxilhom jippruvaw li huwa l-propretarji tar-raba u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma tirrizultax.

Konkluzjoni

Il-Bord,

Wara illi ra il-provi kollha prodotti quddiem il-Bord, kemm dik diversament ippresjeduta u quddiemha stess,

Wara illi semghet ix-xhieda

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

Filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni peress illi dina giet deciza fit 23 ta’ Gunju 2008,

Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat filwaqt illi

Jilqa it-tielet, raba u hames eccezzjoni tal-intimat u ghalhekk

Tichad it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------